Leħen il-Kunsill Pastorali Parrokkjali - Parroċċa Kristu Re - Paola
Għadd Nru.242 - It-33 Sena - MARZU 2012

# IS-SALTNA

## Messaġġ tal-Kappillan



Għeżież,

Meta tirċievu dan il-fuljett, inkunu bdejna r-Randan Imqaddes. Dan ser ikun ir-Randan ta' qabel il-bidu tas-Sena tal-Fidi, li l-Papa ħabbrilna fl-Ittra tiegħu Appostolika ***"Porta Fidei" - "Il-Bieb tal-Fidi".***

Ir-Randan niċċelebrawħ kull sena biex permezz tas-smiegħ tal-Kelma ta' Alla, msieħba mal-opri tal-karita' u penitenza nsaħħu fina l-fidi Nisranija. Il-fidi tagħna hi mibnija fuq il-ġrajja tal-Qawmien ta' Kristu. Din hi l-ġrajja li niċċelebraw fil-ferħ tal-Għid il-Kbir, u li għaliha nippreparaw ruħna tul ir-Randan.

Jien nitlob li dawn il-ġranet għeżiez fil-kalendarju tal-Knisja, jkunu ġranet li fihom ninpenjaw ruħna biex insaħħu l-fidi tagħna fi żmien ta' sfidi kbar u kontinwi għall-għixien tal-fidi tagħna f'ħajjitna.

Jien inħeġġiġkom biex lkoll issibu l-ħin għal xi kors ta' eżerċizzi spiritwali, li tersqu sikwit għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin u biex speċjalment nhar ta' Ħadd ma tfallux il-quddiesa regolarment.

Dan hu l-mod konkret kif insaħħu l-fidi nisranija. Dan hu l-mod kif niskopru l-volonta' t'Alla f'ħajjitna.

**Kunu mbierkin**

*Kan. Dun Vincenz Cachia*
*Kappillan*

**Inħeġġu lil kulħadd**
**biex mill-ewwel ġranet ta' dan ix-xahar, tul ir-RANDAN,**
**nibdew inħejju ruħna sew bit-Talb u b'xi Sagrifiċċji**
**għal Ġimgħa Mqaddsa**
**u l-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu**

**Tifkiriet tal-imgħoddi:**

# Bieb is-Sultan f'Għajn Dwieli

**minn Alfred Ellul Galea**

Ilkoll nafu li qabel ma l-Granmastru Antoine de Paule fl-1626 waqqaf uffiċjalment beltna u semmiha *Paula*, kien ġà midħla sew ta' dawn l-inħawi. Il-kotba tal-Istorja jgħarrfuna wkoll li sa minn qabel din id-data kien irriserva għalih l-għolja ta' Kordin sabiex fuqha jkun jista' jipprattika d-delizzju tal-kaċċa. Anke l-*Loggia* li kienet wieqfa fil-misraħ ewlieni ta' Raħal Ġdid hi xhieda ta' din-namra li kellu peress li fiha kien iqiegħed it-tagħmir meħtieġ.



Iżda aktar minn hekk, fl-inħawi ta' fuq l-għolja ta' Kordin is-Sultan de Paule bena wkoll dar kbira msejħa *belvedere*. Barra milli jistrieħ fiha meta kien jiġi għall-kaċċa, seta jgawdi u jitgħaxxaq b'dehra mill-isbaħ tal-Port il-Kbir kif ukoll b'għadd ta' nħawi ta' gżiritna. Biex tasal għal din il-villa mdawwra bix-xagħri ridt tgħaddi minn bieb, jew aħjar arkata, li nbena fl-1624, jiġifieri sentejn qabel ma de Paule waqqaf Raħal Ġdid. Kien jinsab f'nofs it-telgħa ta' Għajn Dwieli u fl-imgħoddi ħafna kienu jirreferu għalih bħala 'Bieb is-Sultan'.

Meta nsemmu 'Bieb is-Sultan' ikun hemm min iġib quddiem għajnejh 'Bieb Cottoner', jew il-'Mina ta' Hompesch', jew forsi dik ta' de Rohan f'Ħaż-Żebbuġ, fost oħrajn. Iżda dak ta' Għajn Dwieli ma kienx tal-istess kobor ta' dawn. 'Bieb is-Sultan' ta' beltna Raħal Ġdid għeb lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax meta Triq Għajn Dwieli kienet tasal biss sal-bieb tat-Tarzna. Imbagħad fl-1901 beda x-xogħol fuq it-triq li minn Għajn Dwieli tgħaddi minn taħt is-sur ta' Bormla.

Dan il-bieb storiku għad għandna biss it-tfkira tiegħu f'xi ritratti antiki. F'ritratt minn dawn, meħud fl-1885, minbarra 'Bieb is-Sultan' f'Għajn Dwieli, jidher ukoll il-monument ta' Spencer li qabel ma ttieħed u tqiegħed fi Blata l-Bajda fl-1893 kien għadu jidher wieqaf fuq l-Għolja ta' Kordin. Għolja li mhux biss hi mogħnija b'monumenti preistoriċi li għad għandna fdalijiet tagħhom (it-Tempji ta' Kordin u l-oqbra Puniċi), iżda wkoll li kellha sehem importanti ħafna fi żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565 u fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi minħabba l-qagħda strateġika tagħha. *(Ritratt li juri l-arma ta' de Paule)*

**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**

**F A M I L J A   D E B O N O**

***Mulej agħti l-Membri ta' din il-Familja l-Mistrieħ ta' dejjem***

## *VIA SAGRA BIL-VARA TAR-REDENTUR*
## *IS-SIBT, 17 ta' MARZU 2012*

6.00pm Quddiesa
7.00pm **VIA SAGRA bix-Xbieha devota ta' Ġesu' Redentur**



***Xieraq ħafna li t-toroq mnejn jgħaddi l-Pellegrinaġġ ikunu mixgħula waqt il-Via Sagra u kemm jista' jkun nevitaw il-'parking' tal-karozzi. Ir-rotta titħabbar aktar tard.***

**__NOTA:__ Infakkru li din il-Vara għadha kemm sarilha restawrar professjonali estensiv minn Rev. Charles Vella fuq il-ħsarat li saru matul iż-żminijiet biex joħroġ il-ġmiel oriġinali tagħha ta' meta nħadmet fil-1945.**

## PELLEGRINAĠĠ MARJAN
## F'JUM ID-DULURI TA' MARIJA

Il-Ġimgħa, 30 ta' Marzu 2012

**Tibda l-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju -** ***Xieraq li nagħmlu xi att ta' Penitenza***

Filgħodu: Quddies bħal matul il-ġranet tal-ġimgħa
Ikun hemm il-Qrar waqt il-Quddies
4.00pm Qrar
5.00pm Quddiesa
6.00pm **PELLEGRINAĠĠ MARJAN**
**bix-xbieha għażiża ta' Marija Addolorata**
li jgħaddi mill-Pjazza; Vjal il-Knisja; Triq il-Fuħħar; Triq Ġuze' Damato; Pjazza
7.15pm Quddiesa



### *Il-Ħamis, Lejliet Jum id-Duluri ta' Marija,*

***wara l-Quddiesatas-6.00 ta' filgħaxija fil-Knisja Parrokkjali ikun hemm ĊELEBRAZZJONI PENITENZJARJA u wara jkompli jkun hemm il-QRAR sa l-10.00 ta' filgħaxija***



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**CARMENU u JOSEPH CASSAR**
***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

# TRID TIEĦU SEHEM FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA?



Dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem
**fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira,**
kemm bħala **Reffiegħa** jew billi jieħdu **Forċina,**
għandhom jikkuntatjaw lil

**MARIO VELLA - 79707900**

**Dawk il-ġenituri li jixtiequ t-tfal tagħhom, kif ukoll dawk iż-żgħażagħ u l-adulti li jridu jieħdu sehem fil-purċissjoni, bħala persunaġġi bibliċi, għandhom javviċinaw lill-organizzaturi li matul ir-Randan se jkunu fl-Oratorju kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.30 u s-7.30 ta' filgħaxija.**

**Jistgħu wkoll jikkuntatjaw lil:**

**MANUEL AXIAQ tel. 79208066**
**jew lil MARK FERRIS tel. 79224165**

## LAQGĦAT GĦAL DAWK LI SE JIEĦDU SEHEM FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA 2012

**Il-Ħadd, 25 ta' Marzu:**

**Laqgħa għar-Reffiegħa u l-Forċini**
fis-Sala Parrokkjali, Vjal il-Knisja fil-11.00 ta' filgħodu

**It-Tnejn, 26 ta' Marzu:**

**Laqgħa għall-Parteċipanti Tfal**
fis-Sala l-Ġdida, Triq Ġużè' Damato fis-6.30 ta' filgħaxija

**It-Tlieta, 27 ta' Marzu:**

**Laqgħa għall-Personaġġi Adulti**
fis-Sala Parrokkjali, Vjal il-Knisja fis-7.00 ta' filgħaxija

**Inħeġġu lil dawk kollha li se jieħdu sehem biex ma jonqsux li jattendu dawn il-laqgħat ta' nformazzjoni u ta' tħejjija biex il-purċissjoni tal-parroċċa tagħna tibqa' tkun waħda mill-isbaħ li hawn fil-gżejjer Maltin**




**NIftakru fit-talb tagħna lil**
**TESSIE SGHENDO**
**f'għeluq it-tieni sena mill-mewt tagħha**
***Mulej agħtiha il-Mistrieħ ta' dejjem***

# IL-BIEB TAL-FIDI



Fil-11 ta' Ottubru 2011, il-Papa Benedettu XVI ħareġ Ittra Appostolika, bl-isem ta', ***PORTA FIDEI,* - IL-BIEB TAL-FIDI,** biha ddikjara **<u>Sena tal-Fidi.</u>** Din se tibda' fil-11 ta' Ottubru 2012 u tintemm fl-24 ta' Novembru 2013, is-Solennita' tal-Mulej Ġesu' Kristu, Sultan tal-Univers.

Il-bidu tas-**Sena tal-Fidi,** taħbat id-data ta' żewġ anniversarji mportanti ta' ġrajjiet li ħallew marka fil-ħajja tal-Knisja ta' żminijietna: **il-ħamsin anniversarju** mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II u **l-għoxrin anniversarju** minn meta ġie mniedi l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika.

Il-Papa nnifsu, f'parti mill-Ittra Appostolika tiegħu, jgħid:

***"Filwaqt li fl-imgħoddi wieħed seta' jilmaħ forma kulturali waħdanija, li ħafna kienu jaċċettaw is-sejħa tagħha għall-fidi u għall-valuri ispirati minnha, illum dan donnu m'għadux il-każ f'ħafna partijiet tas-soċjeta', minħabba krizi profonda ta' fidi li affetwat ħafna nies."***

Il-Papa jkompli jgħid:

***"Fid-dawl ta' dan kollu, iddeċidejt, li nħabbar SENA TA' FIDI."***

***"F'partijiet kbar tad-dinja il-fidi għaddejJa mill-periklu li tintefa bħal fjamma li qed jispiċċalha l-fjuwil.***

***Qegħdin niffaċċjaw kriżi profonda ta' fidi u telfien tas-sens reliġjuż u dan huwa l-akbar sfida għall-Knisja llum."***

***Papa Beneditttu XVI, 27 ta' Jannar 2012***

**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**

**JOHN U CENSINA CHANT u binhom JOSEPH**

***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI TAR-RANDAN 2012

**Għall-Koppji Miżżewġin u l-Koppji Għarajjes li waslu biex jiżżewġu**

**Mit-Tnejn, 5 sal-Ġimgħa, 9 ta' MARZU**

**fil-Knisja Parrokkjali KRISTU RE fis-7.30pm**

*Imexxi:* ***Rev. DUN FRANS ABDILLA***

**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** *minn 16 il-sena 'l fuq*

**Mit-Tnejn, 12 sal-Ġimgħa 16 ta' MARZU**

**fil-Paola Youth Centre fit-8.00pm**

*Imexxi:* ***Rev. DUN JOHN BERRY***

**GĦAL KULĦADD - FILGĦAXIJA**

**Mill-Erbgħa, 21 sal-Ġimgħa, 23 ta' Marzu**

fis-Sala l-Ġdida - (Triq Guże' Damato), fit-6.45pm

*Imexxi:* ***Rev. Kan DUN VINCENZ CACHIA, Kappillan***

**GĦAL KULĦADD - FILGĦODU**

**Mit-Tnejn, 26 sal-Ġimgħa 30 ta' MARZU**

fil-Knisja Parrokkjali KRISTU RE fis-9.00am

*Imexxi:* ***Rev. Patri DIEGO THEUMA OFM, Kapuċċin***




**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**

**V I N C E N T u JESSIE GRIMA**

***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

## *Mid-Djarju tal-Parroċċa:-* MARZU 2012

**Il-Ġimgħa, 2 ta' Marzu:** ***L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar***
6.00pm Quddiesa u wara Adorazzjoni u Barka Sagramentali. Ikun hemm Qrar sa l-10.00 ta' filgħodu fil-parroċċa.
**Il-Ħadd, 4 ta' Marzu:** ***It-Tieni Ħadd tar-Randan (Sena B)***
***L-Ewwel Ħadd tax-Xahar - ĠABRA SPEĊJALI***
**Il-Ħadd, 11 ta' Marzu:** ***It-Tielet Ħadd tar-Randan (Sena B)***
**Is-Sibt, 17 ta' Marzu:**
6.00pm Quddiesa u **VIA SAGRA bl-Istatwa devota tar-Redentur**
**Il-Ħadd, 18 ta' Marzu:** ***Ir-Raba' Ħadd tar-Randan (Sena B)***
**It-Tnejn, 19 ta' Marzu:** **Festa ta' San Ġużepp - Festa Pubblika**
Il-Quddies ikun bħal ta' matul il-ġimgħa
**Il-Ħadd, 25 ta' Marzu:** ***Il-Ħames Ħadd tar-Randan (Sena B)***
**L-Erbgħa, 28 ta' Marzu:**
6.00pm Quddiesa u wara ssir l-**Inawgurazzjoni ta' l-ewwel fażi tax-xogħol ta' dekorazzjoni li qed isir fil-knisja.**
**Il-Ħamis, 29 ta' Marzu:** **Lejliet il-Festa ta' Marija Addolorata**
6.00pm Quddiesa u wara jkun hemm
***ĊELEBRAZZJONI PENITENZJARJA***
**Ikun hemm il-Qrar sal-10.00 ta' filgħaxija**
**Il-Ġimgħa,30 ta' Marzu:** **JUM ID-DULURI TA' MARIJA**
6.00pm Quddiesa u wara jsir il-**Pellegrinaġġ Marjan bl-Istatwa devota ta' Maria Addolorata**
7.30pm Quddiesa
**Is-Sibt, 31 ta' Marzu:** ***JUM IL-ĦELSIEN***
Festa Nazzjonali u Btala Pubblika

## APRIL 2012

**Il-Ħadd, 1 ta' April:** **ĦADD IL-PALM** - ***Ġabra Speċjali***
**Tibda l-Ġimgħa Mqaddsa**
9.15am Tberik tal-palm u l-friegħi taż-żebbuġ fil-knisja ta' Santa Ubaldeska u wara Purċissjoni għall-knisja Parrokkjali fejn ikun hemm Quddiesa Konċelebrata
**It-Tlieta, 3 ta' April** **Lejla ta' Riflessjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa bil-parteċipazzjoni tal-Banda Kristu Re**
**Il-Ħamis, 5 ta' April:** **ĦAMIS IX-XIRKA**
6.30pm Tifkira tal-Aħħar Ikla tal-Mulej
**Il-Ġimgħa, 6 ta' April:** **IL-ĠIMGĦA L-KBIRA –**
**Obbligu ta' Sawm u Astinenza**
3.00pm Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej
5.15pm Toħroġ Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira
**Is-Sibt, 7 ta' April:** **SIBT IL-GĦID -**
8.00pm Funzjoni tal-Lejl Qaddis tal-Qawmien tal-Mulej
**Il-Ħadd, 8 ta' April:** **L-Għid il-Kbir**
9.00am Purċissjoni bi Kristu Rxoxt
Nofs-inhar Tberik tal-Figolli li jkollhom it-tfal

***Programm dettaljat tal-Funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa jidher fil-ħarġa ta' IS-SALTNA tax-xahar ta' April***

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI
# TAR-RANDAN 2012
## fil-Knisja ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli, fis-7.00pm

**L-EWWEL KORS GĦAL KULĦADD**

**Mit-Tnejn, 5 sal-Ġimgħa, 9 ta' MARZU**

*Imexxi: **Rev. Patri IVAN SCICLUNA O.Carm.***

**It-TIENI KORS GĦAL KULĦADD**

**Mit-Tnejn, 19 sal-Ġimgħa, 23 ta' MARZU**

*Imexxi: **Rev. Patri HAYDEN WILLIAMS OFM, Cap.***

# MATUL IR-RANDAN

Għal darb'oħra nerġgħu nfakkru li l-forom ta' talb u penitenza ssuġġeriti mill-Isqfijiet speċjalment għal matul iż-żmien tar-RANDAN huma:-

* Parteċipazzjoni fil-quddiesa;
* Nieħdu sehem fil-Via Sagra;
* Talb fil-familja, bħar-Rużarju;
* Qari reliġjuż; għoti ta' karita',
* Żjajjar lix-xjuħ li huma waħedhom;
* Ma jsirx tipjip;
* Ċaħda minn divertiment;
* Ma jinxtorobx xorb alkoħoliku;

**Nhar il-Ġimgħa l-Kbira jibqa' l-obbligu tas-sawm u ma jiswiex li jittiekel laħam.**



Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'
**VINCENT u EVELYN ATTARD**
*Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem*

**INAWGURAZZJONI TAL-EWWEL FAŻI TAX-XOGĦOL TA' DEKORAZZJONI LI QED ISIR FIL-KNISJA**

## Nhar l-Erbgħa, 28 ta' MARZU 2012

**wara l-Quddiesa tas-6.00 ta' filgħaxija**

**bil-parteċipazzjoni tal-**

## ***Junior College Youth Orchestra***

**taħt id-direzzjoni ta'**

## Maestro Manuel Pirotta

---

**KUMMISSJONI ĠIMGĦA L-KBIRA**
**2012**

## Nhar il-ĦAMIS, 8 ta' MARZU 2012

se tiġi organizzata

***'PASTA NIGHT'*** **FAMILJARI BEJN IL-ĦBIEB li għandhom għal qalbhom l-attivitajiet li jsiru mill-Kummissjoni matul il-Ġimgħa Mqaddsa.**

**Din l-attivita', li issa daħlet fil-kalendarju biex intaffu xi ftit mill-ispejjeż li jsiru mill-Kummissjoni, se ssir fis-Serjeants' Mess, Corradino Sports Complex, Corradino fis-8.30 ta' filgħaxija**

Dawk interessati javviċinaw lil:-

**MARIO VELLA - 79707900** jew **LAWRENCE ATTARD - 79065774**

---



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**GUZEPPI THAKE**
***Mulej agħtih il-Mistrieħ ta' dejjem***

---



**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**PETER AUGER; JOSEPHINE SCICLUNA;**
**EMANUELA GRECH u LAWRENCE u ROSE Mifsud**
***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

# EASTER BAZAAR 2012

fis-Sala Parrokkjali, Vjal il-Knisja

mill-ERBGĦA, 11 sal-ERBGĦA 18 ta' APRIL

Mid-9.00 ta' filgħodu sa Nofs-inhar u

mill-4.30 sas-7.30 ta' filgħaxija



Issibu oġġetti ta' Ċeramika, Qsari, Kotba, *Groceries* u Ħwejjeġ Ġodda irħas ħafna

Kull għajnuna tgħodd biex ngħinu lill-Parroċċa tagħna

# PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

## Organizzat mill-Parroċċa

## Mit-3 sad-9 t'Awwissu 2012

**Nieħdu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi fil-Grotta u dawk li jsiru fis-Santwarju u l-Knejjes l-oħra.**



***Dettalji dwar l-Eskursjonijiet u l-postijiet li nżuru jingħataw aktar tard.***

***Jakkumpanja l-Grupp: Il-Kappillan, Kan Dun Vincenz Cachia***

**Aktar informazzjoni mingħand it-*Tour Leader ta' esperjenza:***

**ĠOMA ATTARD - 2127677268 / 99229371**

**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**

**JOSEPH U PAULINE CARABOTT**

***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

# Mill-Uffiċċju Parrokkjali





**MEMBRI ĠODDA FIS-SALTNA**

*Nilqgħuhom fostna bil-ferħ.. .. .. ..*

**JANNAR:** Ashton Jon Agius; Lionel Grima.



**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

*Nawgurawlhom ħajja feliċi .. .. .. ..*

**JANNAR:** Ma kienx hemm żwiġijiet



**GĦADDEW GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM**

*Mulej agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.*
*Ma ninsewhomx fit-talb tagħna.*

**JANNAR:** Giovanna Bonnici (82); Arthur Formosa (80); Anita Chetcuti (39); Josephine Mifsud (85); Silvia Cassar (83); Violetta Farrugia (86); Gerard Cassar (89).



## IL-GRIŻMA TAL-ISQOF FL-2012

**Niġbdu l-attenzjoni tal-ġenituri li għandhom it-tfal li se jirċievu s-SAGRAMENT TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF aktar tard din is-sena:**

**Ġurnata:-** IL-ĦADD, 18 ta' Novembru 2012

**Ħin:-** Quddiesa fil-11.00 ta' filgħodu

## WIRJA 2012

## WIRJA ANNWALI TA' MUDELLI TA' KNEJJES, STATWI U OĠĠETTI SAGRI

**Fis-SALA PARROKKJALI - Parroċċa Kristu Re, Paola**
**Vjal il-Knisja, Paola**

**Mill-Erbgħa, 14 sat-Tlieta, 20 ta' Marzu 2012**

**Mid-9.30am sa Nofsinhar u**
**Mill-4.30 sat-8.00 ta' filgħaxija**




**Din il-Paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**FRANCIS U ROSE CHETCUTI**
***Mulej agħtihom il-Mistrieħ ta' dejjem***

# KUMMISSJONI DJAKONIJA

## Attivitajiet għall-ANZJANI matul MARZU 2012



**Il-Ħamis, 8 ta' Marzu: JUM IL-MARA**
09.00am COFFEE MORNING
fil-**West Dine Restaurant, Mġarr**

**L-Erbgħa, 21 ta' Marzu:**
9.00am Laqgħa ma' Kristu fil-Knisja tal-Floriana

**Il-Ħamis, 22 ta' Marzu:**
09.30am Laqgħa fis-Sala Parrokkjali fejn ikollna
**GUEST SPEAKER**

# KUMMISSJONI FESTA KRISTU RE - PAOLA

## ATTIVITAJIET MARZU 2012



**Il-Ħadd, 11 ta' Marzu:**
2.00pm AFTERNOON TEA fl-Alexandra Hotel



**It-Tlieta, 13 ta' Marzu:**
6.30pm Ftuħ Uffiċċjali tal-Wirja tal-Mudelli
tal-Knejjes. Ara wkoll paġna 11.

**It-Tnejn, 19 ta' Marzu: Festa ta' San Ġużepp**
Programm jitħabbar aktar tard



**Mill-Ġimgħa, 23 sal-Ħadd, 25 ta' Marzu:**
Weekend Break


Copy Quick
Photocopy Bureau and Stationers

We accept photocopying orders via
www.copyquickpaola.com

COLOUR COPIES / PRINT @ 18c
BLACK COPIES / PRINT @ 2c

**Professional document finishing**
Ink Cartridge refilling

Visit our website www.copyquickpaola.com
for online printing and our online bookstore



*57, Cospicua Road, Paola*
*Tel: 2182 1527 Mob: 9946 7621*
*Fax: 2141 6404*
*E-mail: info@copyquickpaola.com*

**JOIN OUR LOYALTY SCHEME FOR FURTHER DISCOUNTS**


UFFIĊĊJU PARROKKJALI
Dar Parrokkjali,
Triq Lampuka,
Paola PLA 1142
***Telefon:* 21695022**
***Fax:* 21805955**
***E-Mail Address:***
kappillan@paolakristure.com
***Homepage:***
www.paolakristure.com
Ħinijiet:
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa
mid-9.00am sal-11.30am
u
mill-4.00pm sas-6.00pm

Stampat Veritas Press